# Ħajjet Mons. Mikiel Gonzi
## Arċisqof Metropolita ta' Malta
### *It-Tielet Parti*



**Wayne Bonello**

Żgħażugħ ta' 18-il sena minn San Ġiljan, li qed ikompli l-istudji tiegħu ġewwa l-*Junior College* fl-Imsida. Dilettant tal-festi, membru tas-Soċjetà Mużikali Spinola A.D. 1987 ta' San Ġiljan u l-Għaqda Dilettanti Knisja ta' Lapsi ta' San Ġiljan ukoll.

**Ħamsa u Għoxrin Sena Saċerdot**

*Ecce Sacerdos magnus,*
*qui in diebus suis suffulsit templum,*
*et in ascensu altaris corroboravit pietatem.*




***1933***: *Ritratt ta' Mons. Isqof Gonzi fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-fidda Saċerdotali.*

Mons. Gonzi ried jiċċelebra l-okkażjoni tal-Ġublew Saċerdotali tal-Fidda, f'Diċembru tal-1933, privatament fil-ġabra tat-talb u b'quddiesa letta fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Iżda l-Kapitlu tal-Kattidral ħa l-inizzjattiva biex jiċċelebra l-25 sena Saċerdozju b'funzjonijiet solenni, li kellhom jixgħelu 'l Għawdex b'entużjażmu bħal fl-akbar okkażjonijiet u għalhekk intgħażlet Deputazzjoni Kapitulari biex tieħu ħsieb torganizza l-festi tal-ġublew.

Il-festi bdew b'Akkademja Letterarja fil-Konservatorju tal-Isqof. Fil-31 ta' Diċembru, Mons. Gonzi kkonċelebra Quddiesa Pontifikali fil-Kattidral t'Għawdex biex jiġi mmarkat dan l-anniversarju. Fost id-dinjitarji reliġjużi li ħadu sehem, kien hemm l-Isqof ta' Malta, Mons. Caruana u attendew Sir Arturo Mercieca, President tal-Qrati u l-Komm. Alfonso Maria Galea. Wara l-Pontifikal, il-folla wasslet lill-Isqof sal-Palazz Veskovili fost iċ-ċapċip u l-għajjat ta' ferħ u d-daqq tal-banda fejn sar pranzu ad unur tiegħu. Dakinhar filgħaxija, kien hemm mixgħela ġenerali fil-knejjes u fid-djar tar-Rabat u fl-irħula. Iċ-ċiklu ta' dawn il-festi ġubilari ntemm fl-14 ta' Jannar 1934 b'Akkademja Mużiko-Letterarja li nżammet fis-Seminarju Djoċesan t'Għawdex.

Fl-1926, kienet ġiet konferita lill-Mons. Gonzi l-*Gran Croce* tal-Ordni Sovran Militari ta' Malta. Għalhekk, fl-okkażjoni tal-festi ġubilari saċerdotali, il-Prinċep Ludovico Chigi Albani, Granmastru tal-Ordni, ried jieħu sehem fl-onoranzi mogħtija lil Gonzi u kien inkariga lill-Kav. Dr. Enrico Mizzi li mar Għawdex biex iwassalhomlu personalment.



***1935***: *Mons. Isqof Gonzi jagħti merħba lill-Kardinal Legat Lepicier fil-Port tal-Imġarr.*

**Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu**

Meta Mons. Gonzi kien mar Għawdex bħala Isqof tad-Djoċesi, is-Santwarju ta' Marija Assunta, magħrufa bħala Ta' Pinu, fl-Għarb, kien diġà beda jinbena flok kappella ċkejkna antika u malajr ħa f'idejh il-bini tas-Santwarju. Sa minn lejlet Jum il-Konsagrazzjoni tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, folla kbira ta' nies ma taqta' xejn marret iżżur u titlob quddiem il-Madonna. Sa dakinhar, is-Santwarju kien għadu mhux lest fejn kien għadu bla kampnar. Das-Santwarju jiddistingwi ruħu għaliex, għall-kuntrarju ta' santwarji oħra fl-ibliet u fl-irħula, huwa mibni bi stil romanesk-lombardo.

Il-Ħadd 13 ta' Diċembru 1931, il-jum li fih kellu jiġi kkonsagrat it-tempju, sa minn kmieni, ħafna nies marru jżuru s-Santwarju. Fid-9.30 ta' filgħodu, wara li l-Isqof Gonzi kkonsagra l-Knisja, tkantat it-Terza fis-Santwarju l-Qadim, u bdiet il-Quddiesa Pontifikali. Wara nofsinhar, il-Knisja kienet maħnuqa bin-nies għall-Għasar Pontifikali bil-mużika u Dun Ġużepp Portelli, Rettur tas-Santwarju, għamel il-priedka. Imbagħad saret ir-reċta tal-Kurunella tal-Madonna ta' Pinu u ndaqqet l-antifona *Hodie Maria Virgo Coelos Ascendit* bil-vuċijiet. Fl-aħħar, l-Isqof Mons. Gonzi ntona t-*Te Deum*.

Bit-tħabrik u l-ħidma devota ta' Mons. Gonzi, fl-1932 il-Papa Piju XI għolla s-Santwarju Djoċesan tal-Madonna ta' Pinu għat-titlu u l-unur ta' Bażilika Minuri. Nhar l-Għid il-Kbir, fil-21 t' April 1935, l-Isqof ta' Malta, Dom. Maurus Caruana, u l-Isqof t' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi, ħabbru li, bil-kunsens tal-Papa Piju XI, kellu jsir f' Malta l-Ewwel Konċilju Reġjonali. Il-Kardinal Alessio Enrico Lepicier, bħala Legat tal-Papa, kellu jippresjedi l-Konċilju. Fid-29 t' April 1935, Mons.

Mikiel Gonzi ġie milqugħ f'udjenza mill-Papa fejn fiha, il-Papa laqa' t-talba ta' Mons. Gonzi biex il-Kardinal Lepicier, bħala l-Legat tal-Papa, jinkuruna solennement il-Kwadru Mirakoluż ta' Marija Assunta, meqjum f' Ta' Pinu.



***1935**: Il-Kardinal Lepicier jidher mgħejun mill-Isqof Gonzi waqt l-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Madonna ta' Pinu.*

Il-Kardinal Legat Lepicier wasal Malta għall-Konċilju Reġjonali nhar it-8 ta' Ġunju 1935 fejn ġie milqugħ b'mod grandjuż bin-nies minn fuq is-swar miż-żewġ naħat tal-Port il-Kbir ix-ejru l-bnadar u jgħajjtu bil-ferħ u l-entużjażmu, baned idoqqu, laneċ u vapuri jsaffru, u l-qniepen tal-knejjes kollha jdoqqu. Bil-qiegħda fuq *landau* miġbud minn erba' żwiemel u akkumpanjat miż-żewġ Isqfijiet, Caruana u Gonzi, il-Kardinal Legat mexxa l-Korteo lejn il-Belt fejn f' Misraħ San Ġwann, bierek il-folla immensa. Imbagħad, huwa daħal fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fejn l-Isqof Gonzi qara l-Ittra Appostolika u l-Isqof Caruana flimkien mal-Kardinal għamlu d-diskorsi tagħhom. L-għada l-Ħadd 9 ta' Ġunju, sar il-ftuħ uffiċjali u solenni tal-Konċilju b' Quddiesa Pontifikali fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann li għaliha l-Kardinali assista mit-Tron. Matul iż-żjara tiegħu f'Malta, il-Kardinal kellu festi u laqgħat kbar. Il-Konċilju għalaq il-Ħadd ta' wara b' Quddiesa Solenni mill-Isqof Caruana fejn il-Kardinal Legat assista mit-Tron u l-Isqof Gonzi mill-kor.

Isem il-Kard. Lepicier huwa marbut mal-Inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Pinu mal-Għawdxin. Fl-20 ta' Ġunju 1935 filgħodu, il-Kardinal Lepicier telaq proċessjonalment mill-Palazz Veskovili t'Għawdex lejn il-Kattidral t'Għawdex fejn l-Isqof Gonzi kkonċelebra l-Pontifikal. Wara nofsinhar saret l-Inkurunazzjoni, b'kuruna tad-deheb mimlija ħaġar prezzjuż, tal-Kwadru Devot tal-Madonna ta' Pinu fil-Pjazza ta' quddiem is-Santwarju Ta' Pinu fl-Għarb mill-Kardinal Lepicier. Meta fil-21 ta' Ġunju wasal fi tmiem iż-żjara tiegħu f' dawn il-gżejjer, il-Kardinal kien akkumpanjat sad-Dwana mill-Isqfijiet u personalitajiet ekkleżjastiċi u ċivili. Bla dubju, isem l-Isqof Gonzi jibqa' marbut mas-Santwarju ewlieni t' Għawdex u s-Santwarju jibqa' marbut ma' Mikiel Gonzi.

L-Isqof t'Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi kien assista lill-Isqof Caruana fl-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna Dammaxxena meqjum fil-Knisja tal-Griegi l-Belt f'Ottubru 1931. Ħabrek ukoll biex ġew inkurunati l-Kwadri tal-Madonna tal-Grazzja f'Jannar 1952, meqjuma fil-Knisja tal-Kappuċċini r-Rabat Għawdex, u tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Awwissu 1954, meqjuma fil-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni l-Qala, fiż-żmien li kien Arċisqof Metropolita ta' Malta. Kemm dam Isqof t'Għawdex, Mons. Gonzi kkonsagra l-Knejjes ta' San Pawl f'Marsalforn (13 t'Ottubru 1925), ta' San Pawl fil-Munxar (18 t'Ottubru 1925), tal-Madonna ta' Manresa magħrufa bħala San Kalċidonju (18 t' Ottubru 1931), tas-Sorrijiet Franġiskani magħrufa bħala tan-Nażżarenu fix-Xagħra (15 ta' Novembru 1931) u ta' San Ġakbu fir-Rabat (18 ta' Jannar 1942). Fl-14 ta' Settembru 1924, l-Isqof Gonzi qiegħed l-ewwel ġebla tas-Santwarju Parrokkjali l-ġdid tal-Madonna ta' Loretu f'Għajnsielem.

## Kungress Ewkaristiku f'Malta

F'Settembru 1937 tħabbar li l-Isqof ta' Malta, Mons. Dom. Maurus Caruana kien beħsiebu jżomm l-Ewwel Kungress Ewkaristiku Djoċesan f'Malta fis-sena ta' wara bħala tifkira solenni tal-25 anniversarju tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-1913. Kien twaqqaf Kumitat Organizzattiv ġenerali għal dan il-għan. L-Isqof Caruana ttratta l-Kungress fl-Ittra Pastorali tar-Randan tal-1938.

L-Isqof Gonzi ħabbar uffiċjalment iċ-ċelebrazzjoni li kellhom isiru fid-Djoċesi t'Għawdex bħala tifkira tal-Kungress Internazzjonali tal-1913 f' Ittra Pastorali tar-Randan 1938. Is-Sibt, 30 t' April 1938, f'Pjazza Santu Wistin fir-Rabat Għawdex, 'il fuq minn 2000 tifel u tifla tqarbnu minn idejn Mons. Isqof Gonzi waqt quddiesa li qaddes. L-għada il-Ħadd, sar Pontifikal fil-Kattidral t'Għawdex u waqt l-omelija, Mons. Gonzi tkellem fuq l-Ewkaristija. Wara nofsinhar, l-Isqof mexxa Purċissjoni Solenni li fiha ħadu sehem il-Kapitlu tal-Kattidral, il-Kapitli tal-Kolleġġjati, il-Kulleġġ tal-Kappillani u l-Kleru kollu djoċesan.



*Mons. Isqof Gonzi flimkien mad-dinjitarji fit-triq lejn il-Kattidral t'Għawdex jagħti l-aħħar tislima lill-poplu kollu.*

Minħabba l-kriżi gravi u l-inċertezza tas-sitwazzjoni internazzjonali f'Settembru tal-1933, il-Kungress kellu jiġi pospost għal April ta'wara. Meta l-festi uffiċjali kienu waslu biex jibdew, l-Isqof Caruana kellu jaħtar lill-Isqof Gonzi bħala delegat tiegħu għall-Kungress peress li ma kienx jiflaħ.

Fis-26 t' April 1939, fost l-entużjażmu tal-poplu, ġie inawgurat il-Kungress minn Mons. Gonzi, bħala delegat tal-Isqof Caruana, fejn ġie akkumpanjat mill-Palazz tal-Isqof għall-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fil-Belt minn dinjitarji reliġjużi u l-Kapitlu Kattidrali ta' Malta. Il-Kon-Kattidral



***1913**: Il-Kardinal Ferrata jbierek il-Port il-Kbir waqt il-Kungress Ewkaristiku tal-1913. Il-Kungress Ewkaristiku Djoċesan tal-1939 sar sabiex ifakkar il-25 sena minn meta sar dan il-kungress internazzjonali f'Malta.*

kien imżejjen bl-arazzi. Bħala bidu għall-funzjoni liturġika, il-Kanċillier Mons. E. Bonnici qara d-Digriet tal-Kungress u Mons. Gonzi għamel diskors. Imbagħad, inqara t-telegramm li ntbagħat lill-Q.T. l-Papa u Mons. Gonzi fetaħ il-Kungress. Wara li ġie espost Ġesù Sagramentat, l-ewwel att solenni tal-Kungress kien il-kant tal-*Veni Creator*. Meta Mons. Gonzi ħareġ mill-Kon-Kattidral wara l-funzjoni sagra, ġie milqugħ mill-applawsi tal-folla.

Wieħed mill-isbaħ mumenti tal-Kungress Ewkaristiku kien meta 26,000 tifel u tifla minn Malta kollha nġabru fuq il-Fosos tal-Furjana fejn Mons. Gonzi qaddes quddies f'altar imqiegħed taħt tribuna majestuża mwaqqfa għall-okkażjoni tal-Kungress. Fil-ħin tal-konsagrazzjoni, Ġesù niżel qalb it-tfal fejn mill-Knisja Parrokkjali ta' San Publiju, ħarġet purċissjoni b'urna kbira b'150 pissidi ġo fiha bl-ostji ġa kkonsagrati merfugħa minn tnax-il saċerdot u akkumpanjati minn 150 qassis u s-seminaristi. Mons. Gonzi qarben lit-tfal minn pissidi tal-fidda u tad-deheb fejn f'20 minuta, it-tfal kollha tqarbnu. Iċ-ċelebrazzjoni kompliet bi sfilata tat-tfal fi Strada Rjali li damet għaddejja sagħtejn u nofs. It-tfal kellhom il-bnadar ta' Malta u tal-Papa fejn ħadu sehem xi baned fost il-kant ewkaristiku, applawsi u tfigħ ta' fjuri mill-gallariji. Mons. Gonzi assista mill-gallarija tal-Każin Malti.

Il-festi tal-Kungress għalqu b'Purċissjoni Ewkaristika Solenni fit-toroq tal-Belt Valletta, li kienu miksijin bil-fjuri, u tmexxiet minn Mons. Isqof Gonzi. Fi tmiem il-manifestazzjoni, il-poplu ried jagħti xhieda tas-sens kbir ta' ħajr lil Alla fil-persuna tar-rappreżentanti tiegħu b'dimostrazzjoni lill-Isqof Gonzi mill-Furjana sa Misraħ San Ġorġ, il-Belt, fuq karrozza miġbuda min-nies fost l-entużjażmu tal-Poplu Malti!

*Ikompli fil-ħarġa li jmiss.*

# Lejn Festa aħjar bl-impenn ta' kulħadd

**Il-Kumitat Ċentrali tas-Soċjetà qiegħed iġib din l-istqarrija min-naħa tal-Kummissjoni Festa tal-Parroċċa għall-attenzjoni tal-partitarji u l-membri kollha tas-Soċjetà:**

Bil-għan li l-ambjent tal-festa ikun dejjem isbaħ u aħjar, iċ-Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja u l-Għaqda Mużikali San Ġużepp fil-21 ta' Diċembru 2011 waslu għal dan il-ftehim:

1. Li jitnaqqas il-ħin tal-marċi fil-viċinanza tal-każin oppost, minn bejn wieħed u ieħor 45 minuta għal 15 il-minuta. Dan japplika għall-marċ tal-Ġimgħa f'Misraħ Arċisqof Gonzi, u għall-marċ tas-Sibt fi Triq ir-Rnella.

2. Il-Kumitati jħeġġu u javżaw lill-partitarji tagħhom sabiex matul il-marċ tas-Soċjetà l-oħra ma jsir l-ebda forma ta' bbuwjar, kliem offensiv jew li jista' joħloq provokazzjoni jew tensjoni. Dan japplika wkoll għall-kliem bħal "viva" lil xi statwa li ma jkunx il-marċ tagħha. Iħeġġu ukoll sabiex kull min jixtieq jallegra ruħu mal-marċ m'għandux jipprovoka bl-azzjonijiet tiegħu, kemm fil-viċinanzi tal-banda, u anki f'żoni oħra.

3. Iż-żewġ Kumitati qed jintrabtu wkoll li jekk dawn il-proposti jiġu aċċettati mill-Kurja issir laqgħa mal-Pulizija dwar dan, sabiex dawn jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-jiem tal-festa.

4. Matul dawk il-15-il minuta l-Ġimgħa u s-Sibt, iż-żewġ baned ma jdoqqux iżjed minn tliet innijiet jew marċi li ma jitkantawx bi kliem mhux xieraq u li jistgħu jkunu ta' provokazzjoni u jinħoloq tensjoni, u li għandu jkun hemm qbil fuqhom minn xahrejn qabel. Ikun f'idejn il-baned li jdoqqu marċi jew innijiet jew mit-tnejn.

Nirringrazzjaw liż-żewġ għaqdiet tal-impenn tagħhom matul is-sena flimkien mar-rappreżentanti tal-Parroċċa fi ħdan il-Kummissjoni Festa li din is-sena waslet għal 50 laqgħa tagħha. Nifirħulhom mhux biss għas-sehem tagħhom biex il-festa timxi 'l-quddiem imma ukoll għall-anniversarji speċjali li qegħdin jiċċelebraw u nawgurawlhom ħafna iżjed snin ta' ħidma b'riżq il-komunità.